MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 834/1996/1

**Annunziato Mifsud**

**v.**

**Direttur tat-Toroq; Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet; Perit Joseph Borg Grech (District Engineer); u, għal kull interess li jista' jkollha, l-Awtorità ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**:

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 1996, l-attur ippremetta illi huwa s-sid ta' razzett fi Triq Sejba, l-Imqabba; illi fil-1991 id-Dipartiment tat-Toroq u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet daħlu fil-proprjetà tieghu biex iwessgħu t-triq; ix-xogħlijiet li għamlu l-konvenuti kienu li waqqgħu dar, razzett, xi kmamar — sitta tajbin — u garage kbir, u radmu wkoll ġiebja li kienet tiswa eluf ta' liri, u kienu qaċċtu wkoll xi siġar; illi l-perit responsabbli għal din id-deċiżjoni kien għamel stqarrija dwar dan fl-14 ta' Jannar 1991 u din tinsab fil-file WD 1015/88; illi l-gvern kien ipprovda materjal, ġebel, konkos, xibka u ħadid, u wkoll ħaddiema tiegħu stess, biex inbnew garages u kmamar għall-attur biex ipattulu għal parti mid-danni li ġarrab; illi l-bini kellu mbagħad jitkompla minn ħaddiema tal-privat. Għalkemm ir-razzett li kellu l-attur kellu l-permess li riedet il-liġi, il-perit responsabbli kien naqas li jagħmel fil-ħin it-talba li kien imiss lilu li jagħmel lill-awtorità kompetenti — dak iż-żmien il-Bord għal Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur (P.A.P.B.) — għall-permessi biex jittella' il-bini l-ġdid; illi kemm il-perit kif ukoll il-foreman kienu qalu lill-attur li sejjer jinħariġlu l-permess awtomatikament, iżda wara sar jaf illi lanqas biex waqqgħulu l-proprjetà ma kien hemm il-permess li trid il-liġi; illi wara li l-ispettur tal-bini stess iffirma biex l-attur ikollu provvista ta' l-ilma, il-*principal enforcement officer* ħarrek lill-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bena mingħajr permess, u l-Qorti kienet mitluba tordna li jitwaqqa' l-bini u li ssir konfiska favur il-gvern; illi l-attur ġarrab u għadu jġarrab danni minħabba l-għemil tal-konvenuti bi ksur tal-liġi, u dawn id-danni jkomplu jiżdiedu sew jekk il-bini jitwaqqa'; billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti bi protest ġudizzjarju biex jagħmlu tajjeb, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attur ġarrab danni minħabba l-għemil tal-konvenuti, jew ta' xi wħud minnhom, bi ksur tal-liġi;

2. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur;

3. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-protest ġudizzjarju ta' l-24 ta' Frar 1995.

B'nota pprezentata fit-23 ta' Lulju 1996, l-Awtorità ta' l-Ippjanar ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi hi għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax, skond l-Att I ta' l-1992, ħlief fil-każijiet imsemmijin fil-liġi hija ma wirtitx l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Bord għal Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur għax dak il-bord kien id-delegat tal-Ministru tax-Xogħlijiet. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru 1997,[1] il-Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u ħelset lill-Awtorità ta' l-Ippjanar mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.

Il-konvenuti l-oħra (id-Direttur tat-Toroq, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, u l-Perit Joseph Borg Grech) ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-azzjoni ta' l-attur waqgħet bi preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

2. skond l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenut Perit Joseph Borg Grech bħala *district engineer* ma għandux *locus standi* f'din il-kawża għax ma huwiex kap ta' dipartiment tal-gvern u għalhekk ma jistax jidher f'isem il-gvern f'kawża;

3. huma ma għamlu xejn kontra l-liġi u ma għandhomx iwieġbu għad-danni;

4. l-attur ma ġarrab ebda danni minħabba f'dak li għamlu l-konvenuti iżda kien hu li ikkomplika l-kwistjoni bla bżonn għax insista illi, flok il-bini li hu ċeda biex tkun tista' titwessa' t-triq, jitla' bini ieħor ferm akbar u mingħajr permess u minkejja l-ordnijiet kuntrarji mill-awtorità pubblika kompetenti; l-attur għalhekk ma jistax jippretendi illi l-gvern jagħtih kumpens tal-bini li hu tella' mingħajr permess wara t-twessigħ tat-triq, u hekk jindennizzah għall-għemil tiegħu stess bi ksur tal-liġi: safejn l-attur qiegħed ifittex kumpens bħala dan, l-azzjoni tiegħu hija milquta b'kawza illeċita.

---

[1] *Foll*. 27 *et seqq.*

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet finalment minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju, 2004 bil-mod segwenti "*il-Qorti taqta' il-kawza billi, wara li tghid illi l-attur ghadu s-sid ta' l-art mehuda ghat-twessigh tat-triq, tghid illi l-attur ma garrabx danni u ghalhekk tichad it-talbiet tieghu. L-ispejjez tal-kawza jinqasmu hekk: nofs (1/2) ihallsahom l-attur u nofs (1/2) ihallashom il-konvenut Perit Joseph Borg Grech proprio*" u dana wara li ghamlet is-segwenti kostatazjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Il-gvern iddeċieda li jwessa' triq u biex jagħmel hekk kellu jieħu u jwaqqa' bini u jieħu art ta' l-attur. Billi d-dipartimenti tal-gvern li kellhom x'jaqsmu mat-twessigħ tat-triq riedu li dan isir malajr, ma mxewx kif trid l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi ġKap. 88 tal-Liġijietħ biex il-gvern jikseb l-art tal-privat; minflok, sar ftehim bejn il-konvenut Perit Joseph Borg Grech, li kien il-perit responsabbli għax-xogħlijiet, u l-foreman tad-dipartiment, min-naħa l-waħda, u l-attur min-naħa l-oħra, illi, bħala kumpens lill-attur talli titteħidlu l-art u jittwaqqagħlu l-bini, il-gvern joħroġ l-ispejjeż biex jibnilu, fuq art ta' l-attur stess iżda fuq il-linja l-ġdida tat-triq, żewġ garages illi bħala daqs superfiċjali jkunu bejn wieħed u ieħor daqs il-bini li twaqqa'.

"Billi iżda ra illi x-xogħol kien sejjer idum wisq biex jitlesta, l-attur talab illi l-gvern jagħtih il-materjal u x-xogħol tal-bini jkompluh ħaddiema mqabbda minnu. Hekk ġara u l-attur ħa x-xogħol f'idejh, b'materjal tal-gvern, u approfitta ruħu biex flok l-ambjenti msaqqfin bil-pjanċi li kellu qabel, u li kien jinqeda bihom bħala scrapyard, tella' seba' garages li, skond stima tal-perit tiegħu stess, jistgħu jinkrew b'aktar minn tnax-il elf lira (>Lm12,000) fis-sena[2], għalkemm illum l-attur qiegħed idaħħal madwar tlitt elef lira (Lm3,000) fis-sena minnhom[3].

---

2 *Fol.* 318.

3 *Fol.* 348.

“L-attur kien ġà, f’okkażjoni qabel, għamel talba biex jingħata permess għall-bdil ta’ l-użu tal-bini li kellu qabel, u li issa twaqqa’ biex titwessa’ t-triq, iżda dan il-permess ma kienx inħariġlu[4]; għalhekk l-attur ħa din l-okkażjoni biex jikseb dak li ma kienx seħħlu li jikseb qabel. Kull ma kien jinteressa lid-dipartimenti f’dak l-istadju kien li jmexxu bix-xogħol tat-twessigħ tat-triq, u biex jiksbu dak li riedu mingħand l-attur tawh x’jifhem li seta’ jkompli għaddej biex jagħmel dak li ried. L-attur, min-naħa l-oħra, ħaseb illi, ladarba l-ftehim sar ma’ funzjonarji tal-gvern, mela kollox kien sew.

“Fl-għaġla tagħhom biex iwiegħdu lill-attur dak li ried biex jilħqu ftehim malajr, lill-perit u lill-foreman ma għaddilhomx minn moħħhom illi għall-bini l-ġdid kellu jinkiseb permess tal-bini; fil-fatt il-bini ma kellux dan il-permess u meta l-awtorità kompetenti ntebħet b’dan tat lill-attur ordni biex jieqaf jibni. Jidher illi l-attur ma għarrafx b’dan lill-konvenuti u, minflok, talab lill-konvenut Perit Borg Grech jagħmillu t-talba biex jinħariġlu l-permess.

“Il-permess ma nħariġx u l-attur sab ruħu f’pożizzjoni fejn tilef l-art li fuqha twessgħet it-triq, tilef il-bini li kellu fuqha, u minflok kiseb bini ieħor, akbar u li jirrendi aktar, iżda li jista’ jerġa’ jitwaqqa’ għax bla permess. Għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob id-danni.

“Qabel ma nidħlu fil-meritu, inqisu l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti.
Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili:

**" 2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn."**

“L-azzjoni ta’ l-attur hija mibnija fuq il-premessa illi, bħala kumpens għat-teħid ta’ l-art tiegħu, ingħatalu li jtella’ bini

[4] *Fol.* 342 *et seq.*

ieħor li, iżda, għandu mnejn jitwaqqa' għax inbena bla permess.

"Sallum, il-bini għadu ma twaqqax u, anzi, l-attur għadu jinqeda bih u jdaħħal flus minnu. L-eventus damni għalhekk sa issa għadu ma seħħx u, għal din ir-raġuni, għadha ma bdietx tgħaddi l-preskrizzjoni. Dan ma jfissirx illi l-azzjoni hija intempestiva, għax l-attur ma għandux jitħalla bla rimedju meta għandu x-xabla ta' Damokle mdendlq fuq rasu; ifisser biss illi, ladarba d-dannu għadu ma seħħx, il-preskrizzjoni ma bdietx tgħaddi.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Għalkemm hemm ukoll eċċezzjoni preliminari li tgħid illi l-konvenut Perit Borg Grech ma huwiex persuna leġittima biex tikkontesta din il-kawża, il-qorti hija tal-fehma, għal raġunijiet li jidhru aktar 'il quddiem, illi din l-eċċezzjoni għandha tqisha wara li tkun qatgħet dwar il-meritu.

"Din il-kawża hija lezzjoni ta' x'jiġri meta ma timxix kif iridu l-proċeduri stabbiliti. Għalkemm il-kumpens għall-akkwist ta' art privata għal skopijiet pubbliċi jista' jkun likwidat bi ftehim, u jista' jingħata b'datio in solutum flok fi flus, xorta trid timxi kif irid il-Kap. 88 tal-Liġijiet. Il-konvenuti, iżda, iffokaw wisq fuq il-ħtieġa għall-għaġla u nsew il-proċeduri; kienu prattiċi, iżda kienu prattiċi wisq. Dak li riedu huma kisbuh b'ħeffa iżda lill-attur daħħluh f'inkwiet.

"Il-ftehim li l-perit u l-foreman għamlu ma' l-attur kien ultra vires; ma kellhomx is-setgħa li jorbtu lill-gvern bi ftehim bħal dak bla ma jinxu kif irid il-Kap. 88, u l-ftehim għalhekk ma jorbotx. L-attur qagħad fuqhom għax ħaseb illi, ladarba kienu funzjonarji tal-gvern, dak li għamlu għamluh b'setgħa, iżda kienu qegħdin imexxuh ħażin u għalhekk għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur.

"Il-miżura ta' dawn id-danni, iżda, huwa l-interess negattiv ta' l-attur, i.e. l-interess li ma jsirx dak li sar bi ksur tal-liġi. Għalhekk l-attur għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku kollox sar kif kellu jsir, u mhux li jieħu l-vantaġġ u l-benefiċċji ta' ftehim li ma jiswiex. Il-jedd ta' l-

attur huwa li jingħata kumpens ta’ l-art u l-proprjetà li tteħdulu għal skopijiet pubbliċi, u kumpens ta’ dak li tilef f’xogħol u materjal biex tella’ l-bini li ma kellux permess.

“Il-kumpens għat-teħid ta’ l-art ma jiġix likwidat minn din il-qorti iżda mill-Bord ta’ l-Arbitraġġ dwar Artijiet taħt il-Kap. 88. Il-qorti ma tistax tordna li jinbdew il-proċeduri għat-teħid ta’ l-art u l-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens, ladarba l-awtorità kompetenti taħt dik il-liġi — il-Kummissarju ta’ l-Art — ma hijiex parti fil-kawża. Dan, iżda, ma hux ta’ dannu għall-attur. Ladarba għadhom ma sarux il-formalitajiet għat-teħid ta’ l-art skond il-liġi, l-attur għadu sidha u jista’ jirrevindikaha.

“Fadal il-kwistjoni tad-danni li ġarrab l-attur f’telf ta’ materjal u xogħol biex tella’ l-bini li hu bla permess.

“Bl-għemil tal-konvenuti l-attur kiseb bini li, għalkemm jista’ jkun imġiegħel iwaqqgħu, sallum għadu f’idejh u qiegħed jirrendilu madwar tlitt elef lira (Lm3,000) fis-sena, jew sitta u tletin elf lira (Lm36,000) fiż-żmien kemm ilu mibni. Dan huwa vantaġġ li ngħatalu u li sejjer iżommu bla ma kellu jedd għalih, u, fil-fehma tal-qorti, huwa aktar minn biżżejjed biex ikun paċjut kontra t-telf li ġarrab l-attur. Ma ninsewx ukoll illi l-biċċa l-kbira tal-materjal ipprovdieha l-gvern, u illi l-attur kompla żied id-danni meta kompla jibni wkoll wara li kien imwaqqaf mill-awtorità kompetenti.

“Għalhekk il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tagħmel likwidazzjoni tad-danni.

“Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni li tgħid illi l-konvenut Perit Joseph Borg Grech ma huwiex persuna leġittima biex tikkontesta din l-azzjoni għax, ladarba ma huwiex kap ta’ dipartiment tal-gvern, ma għandux is-setgħa li jidher f’isem il-gvern fi proċeduri quddiem il-qorti.

“Il-Perit Borg Grech iżda ma kienx imħarrek f’isem il-gvern; kien imħarrek f’ismu proprio.

“Rajna illi meta għamel jew approva l-ftehim ma’ l-attur, il-Perit Borg Grech mexa ultra vires: dak li għamel ma

għamlux f'isem il-gvern; għamlu bħala ċittadin privat. Kien hu illi, bil-libsa tiegħu ta' funzjonarju pubbliku għoli, mexxa ħażin lill-attur. Kien ikun hu illi, li kieku kien il-każ li l-qorti tagħmel likwidazzjoni tad-danni, kien ikollu jagħmel tajjeb għal dawk id-danni.

"Fiċ-ċirkostanzi, il-qorti sabet illi l-attur ma ġarrabx danni u għalhekk ma saritx likwidazzjoni; huwa xieraq iżda illi, ladarba dan l-episodju nħoloq għax il-konvenut Perit Borg Grech mexa ultra vires, iħallas sehem mill-ispejjeż ġudizzjarji."

**L-appelli intavolati.**

Mis-sentenza fuq riportata appellaw kemm l-attur Annunziato Mifsud b'rikorsipprezentat fil-15 ta' Lulju 2004, kif ukoll, b'mod incidentali, il-konvenut il-Perit Joseph Borg Grech flimkien mar-risposta tieghu tal-11 ta' Jannar 2005, ghall-appell principali ta' l-attur.

Fir-rikors tieghu l-attur talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-appellati solidalment bejniethom ihallsu dik is-somma f'danni li joghgobha tillikwida din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra "l-appellati socjeta` konvenuta" (sic!).

Fir-rikors incidentali tal-Perit Joseph Borg Grech qed jintalab li din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok tichad l-appell *de quo* ta' l-attur appellant, bl-ispejjez kontra l-istess attur appellant, filwaqt li timmodifika s-sentenza appellata billi tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-imsemmi Borg Grech u tikkonfermaha fil-kumplament taghha, b'dan ukoll li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jithallsu kollha mill-attur appellant.

Id-Direttur tat-Toroq u Direttur Generali tax-Xogholijiet ipprezentaw risposta fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ta' l-attur jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez.

**L-aggravji ta' l-appellanti.**

**1. Dawk ta' l-attur appellant.**

L-attur appellant qed iressaq bazikament tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:-
a) li fl-ewwel lok l-ewwel Qorti kienet zvijata minn assunzjoni erroneja li l-ambjenti prezesistenti kienu bla permess;

b) li l-partecipazzjoni tal-Perit Joseph Borg Grech, fil-kapacita` tieghu ta' District Engineer, fl-akkordju li sehh, kellha tirrifletti fuq ir-responsabbilita` tal-Gvern;

c) li, kuntrarjament ghal dak li gie ritenut fis-sentenza appellata, l-attur sofra danni ingenti.

**2. Dawk tal-Perit Joseph Borg Grech.**

Il-Perit Joseph Borg Grech ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata li jistghu jigu sintetizzati hekk:-

a) li f'dawn il-proceduri hu ma ghandux *locus standi* nkwantu huwa kien qed jagixxi f'isem il-kap tad-dipartiment koncernat; u

b) aggravju dwar il-kap tal-ispejjez billi l-appellant qed jirretjeni li ma kellux jigi kundannat ihallas nofs l-ispejjez gudizzjarji.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsuh d-danni rizultanti minn allegat agir illegali taghhom meta, skond l-attur, waqt xogholijiet ta' twessieh ta' triq pubblika adjacenti ghall-proprjeta` tieghu, gew kostruwiti mhazen godda minflok proprjeta` li ttiehdet lilu u liema mhazen irrizultaw li kienu minghajr permess.

Ghandu jinghad qabel xejn li meta d-Dipartiment tat-Toroq gie biex jidhol fil-proprjeta` tal-attur biex b'hekk titwessa t-

triq in kwistjoni, minhabba esigenzi ta’ ghagla minflok li gew segwiti l-proceduri normali ghall-esproprju, intlahaq ftehim bejn l-persuni jew persuna inkarigata mix-xogholijiet u l-attur, bhala sid l-art, biex, ta’ dak li kien qed jittehidlu, l-attur jigi kumpensat bil-kostruzzjoni ta’ xi ambjenti, a spejjez ta' l-istess dipartiment, liema ambjenti kellhom jkunu ftit jew wisq tal-entita` ta' l-ambjenti li kienu ser jigu demoliti. Biss gara li, ftit wara li bdew ix-xogholijiet ta’ kostruzzjoni mid-dipartiment, l-attur insista li jkompli jibni huwa stess a spejjez tieghu b’dana li l-materjal ghall-kostruzzjoni jigi fornut mill-istess dipartiment. Effettivament li gara kien li l-attur bena mhazen ta’ daqs ferm akbar mill-ambjenti li kellu qabel minghajr il-permess mehtieg. Billi dawn l-imhazen gew kostruwiti f’zona fejn mhux permess tali bini, mhux talli l-permess qatt ma hareg talli l-attur gie ordnat li jiddemolixxi l-istess ambjenti. Illum, ghalhekk, kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, l-attur ghadu sid l-art li ttiehdet mill-Gvern, u konsegwentement jista' jagixxi ghall-kumpens skond il-ligi, filwaqt li huwa qed juzufruwixxi minn proprjeta` li tinsab kostruwita minghajr il-permessi mehtiega.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Minn ezami ta' l-atti processwali din il-Qorti hija tal-fehma li jirrizultaw is-segwenti fatti:-

a) illi l-attur huwa sid l-art li ittiehdet mid-dipartiment koncernat ghat-twessieh tat-triq;

b) illi ntlahaq ftehim ma l-attur biex minflok li l-attur jinghata kumpens a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-art li kienet ser tittihidlu, jigi kumpensat bil-kostruzzjoni ta’ proprjeta` ohra immobbli;

c) illi f’dan l-akkordju d-dipartiment tat-Toroq ma kienx koncernat u kull decizjoni ttiehdet minn impjegati jew impjegat minghajr l-approvazzjoni tal-istess dipartiment;

d) illi minkejja l-akkordju milhuq, l-attur abbuza mis-sitwazzjoni u kkostruwixxa ambjenti ferma akbar minn dawk pre-ezistenti;

e) illi l-imsemmija ambjenti ma ghandhomx il-permess mehtieg ta’ l-awtorita` koncernata.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tikkondividi pienament u bla rizervi l-konkluzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti principalment fuq il-premessa li dak li gara u cioe` li finalment l-attur spicca bi proprjeta` nieqsa mill-permessi mehtiega, kien htija ta’ l-istess attur billi bena minghajr ma applika ghal permessi mehtiega jew ghal anqas ivverifika biex jara li fl-inhawi tali kostruzzjoni kienet konsentita. L-attur ma jistax jinheba wara l-fatt li tali kostruzzjoni kienet imwieghda lilu minn ufficjali ta’ dipartiment governattiv billi fl-ewwel lok tali ufficjali, anke jekk kienu qed jitkellmu f’isem id-dipartiment, haga li ma tirrizultax, ma kellhom ebda dritt jorbtu l-Awtorita` ta' l-Ippjanar; fit-tieni lok kien dejjem obbligu ta’ l-attur, *qua* sid l-art li fuqha ser jsir l-izvilupp, li jassigura ruhu mill-hrug tal-permessi mehtiega u, finalment, il-kostruzzjoni maghmula minnu kienet ta’ daqs <u>ferm akbar mill-ambjenti pre-ezistenti</u> li setghu kienu jew ma kenux bil-permessi. Ghalhekk *imputet sibi.*

Konsegwentement din il-Qorti ma tarax kif l-attur jista' jitlob id-danni minnu reklamati.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravji kollha ta' l-attur appellant qed jigu michuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward ta' l-aggravji mressqa mill-konvenut il-Perit Joseph Borg Grech din il-Qorti hija tal-fehma li dan il-konvenut qatt ma gie mharrek in rapprezentanza tal-Gvern izda f’ismu personali u l-appellazzjoni ta’ *District Engineer* wara isem l-istess konvenut fl-okkju tac-citazzjoni bl-ebda mod ma tbiddel il-posizzjoni tieghu *qua* konvenut billi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti kien hu li “*ghamel jew approva l-ftehim*” u dan minghajr l-intervent tal-Kap tad-Dipartiment koncernat. Konsegwentement l-istess konvenut appellant agixxa *ultra vires* u bhala tali ghandu jippartecipa fl-ispejjez tal-kawza. L-appell tal-Perit Joseph Borg Grech ghalhekk ser jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm l-appell principali ta' l-attur Annunziato Mifsud, kemm l-appell incidentali tal-konvenut il-Perit Joseph Borg Grech qed jigu michuda u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha. Fic-cirkostanzi l-attur appellant ghandu jbati l-ispejjez tal-appell principali filwaqt li l-konvenut il-Perit Joseph Borg Grech ghandu jhallas l-ispejjez tal-appell incidentali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------